MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 201/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' Gunju 2004, a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti, illi zzewgu fis-7 ta' Dicembru 2001, ghandhom zewg ulied, Martina u Francesca, tewmin, li llum ghandhom hames (5) snin;

Illi l-partijiet isseparaw bonarjament fit-12 ta' Dicembru 2002, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia, li kopja tieghu hija hawn annessa, esebita u

mmarkata bhal Dok. “A”, f’liema kuntratt ta’ separazzjoni gie regolatat, *inter alia*, d-dritt ta’ access ta’ l-attur fir-rigward ta’ wliedu hawn fuq imsemmija;

Illi *ai termini* tal-Klawsola numru sebgha (7) ta’ l-imsemmi kuntratt, l-attur kellu access ghal uliedu matul is-sena skolastika, nhar ta’ Tnejn mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m. u min-nhar ta’ Gimgha fis-6.00 p.m. sas-Sibt fis-6.00 p.m.;

Illi f’Jannar tas-sena 2004, l-attur kien kostrett, bhala parti mix-xoghol tieghu, illi jibda kors ta’ tahrig fil-ghaxijiet, liema kors jinzamm kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Gimgha bejn il-5.00. p.m. u t-8.00. p.m., skond ma jidher mid-dokumentazzjoni relattiva illi kopja taghha hi hawn annessa w esebita u mmarkata bhala Dok. “B”;

Illi dawn il-hinijiet, illi huma ovvjament stabbiliti minn terzi, u illi l-attur ma ghandu l-ebda kontroll fuqhom, inzertaw proprjament b’mod illi ma jippermettix lill-attur illi jezercita l-access skond kif stabbilit fil-kuntratt hawn fuq imsemmi;

Illi fic-cirkostanzi, l-attur, *tramite* l-konsulent legali tieghu, avvicina lil martu l-konvenuta sabiex il-hinijiet ta’ l-access jigu mibdula bonarjament bejn il-partijiet, skond ma jidher mill-korrispondenza relattiva li kopja taghha hi hawn annessa w esebita u mmarkata bhala Dok. “C”;

Illi effettivament, il-hinijiet godda proposti mill-attur, gew accettati mill-konvenuta *tramite* ittra mibghuta mill-konsulent legali taghha, li kopja taghha hija hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. “D”;

Illi ghalkemm intlahaq dan il-qbil bejn il-partijiet fuq il-hinijiet godda ta’ l-access, il-konvenuta, arbitrarjament u minghajr ebda raguni valida fil-Ligi, ripetutament u konsistentement bidet iccahhad lill-attur mid-dritt ta’ access tieghu, u insistiet illi zewgha l-attur kellu jezercita l-access tieghu strettament u rigorozament skond il-kuntratt ta’ separazzjoni personali originali bejn il-partijiet;

Illi minkejja kull appell da parti ta’ l-attur, *tramite* l-konsulenti legali tal-partijiet, u minkejja l-fatt illi l-istess

attur dejjem ikopera pienament ma' martu f'kull okkazzjoni illi hija kienet tehtieg flessibilita' fl-ezercizzju ta' l-access da parti tieghu, il-konvenuta baqghet tippersisti fl-agir taghha;

Illi l-attur ilu ghalhekk, ghal dawn l-ahhar erba' (4) xhur, jigi impedut u mcahhad mill-konvenuta milli jezercita dan id-dritt ta' access, li bhala missier it-tewmin jappartjeni lilu legittimament;

Illi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jirrizulta illi l-konvenuta qieghda effettivament tipprova tissostitwixxi lill-attur bir-ragel il-gdid taghha, illi hija zzewget fit-28 ta' Marzu 2004 u li minnu kellha tarbija f'April 2004, bhala l-missier il-gdid tal-minuri Martina u Francesca, tant illi l-konvenuta intimata, f'diversi okkazjonijiet, illi trid lil zewgha Sam Mifsud jaddotta lit-tfal, illi trid tibdel kunjom it-tewmin ghal Mifsud u sahansitra ripetutament, attendiet ghal attivitajiet skolastici tal-minuri, ma' zewgha Sam Mifsud u anke familjari ohra tieghu, minghajr ma informat lill-attur bl-istess okkazzjonijiet;

Illi fic-cirkostanzi, l-attur jixtieq illi sahansitra l-hin tieghu ta' l-access jizdied, sabiex huwa jkun jista' jassigura ruhhu illi jikkoltiva b'mod assidwu r-relazzjoni tieghu bhala missier il-minuri Francesca u Martina;

Illi l-attur istitwixxa l-proceduri appoziti skond il-Ligi fl-ismijiet **"A vs B Debono ossia Mifsud"** (*stante* illi l-istess konvenuta kkontrattat zwieg proprju fil-mori ta' l-istess proceduri), f'tentattiv sabiex tinsab soluzzjoni amikevoli, izda ghalkemm imsejha sabiex tidher quddiem il-medjatur Dottor William Azzopardi darbtejn, il-konvenuta ma wriet l-ebda kooperazzjoni u lanqas biss dehret quddiem l-imsemmi medjatur, b' disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti, li taht l-awtorita' taghha l-medjatur jopera;

Illi l-attur gie awtorizzat sabiex jipprocedi b'dina l-istanza permezz ta' Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Mejju 2004 li kopja tieghu hi hawn annessa w esebita u mmarkata bhala Dok. "E";

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri Francesca u Martina illi huma jkollhom access regolari ghal missierhom, minkejja l-fatt illi t-tibdil fic-cirkostanzi ta' l-attur, ma jippermettilux illi jezercita tali access fil-granet stabbiliti fil-kuntratt ta' separazzjoni personali tat-12 ta' Dicembru 2002 (Dok. "A");

2. Konsegwentement tordna illi l-attur jibda jkollu access ghall-ulied minuri fil-hinijiet illi jigu stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti u f'dan is-sens tvarja l-klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt tat-12 ta' Dicembru 2002 (Dok. "A");

3. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att ta' varjazzjoni relattiv ghall-kuntratt tat-12 ta' Dicembru 2002 (Dok. "A") kif jigi ordnat minn dina l-Qorti in virtu tat-talbiet precedenti, u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-rikors tal-attur datat 23 ta' Gunju 2004, a fol. 56, fejn talab bir-rispett illi fid-dawl ta' dak kollu fuq premess, din il-Qorti joghgobha tappunta s-smiegh tal-kawza b'urgenza.

Rat id-digriet datat 25 ta' Gunju 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tac-citazzjoni attrici b' mod immedjata, inghata digriet affidavit tal-partijiet b' terminu ta' ghaxart (10) ijiem kull parti. Giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa seduta wahda ghall-provi tal-attur u tlett seduti ghall-provi kollha tal-kovenuta. L-attur gie ordnat jipprezenta nota guramentata fejn kellu jindika l-hinijiet u l-granet li kien qed jipproponi ghall-access, fi

zmien erbat (4) ijiem, bin-notifika lill-kontroparti li kellha z-zmien erbat (4) ijiem tghid jekk kinitx taqbel jew le ma tali granet u hinijiet. Giet appuntata l-Agenzija Appogg biex a spejjez taz-zewg partijiet tikkordina f' kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, arrangament ghall-access ta' l-istess minuri. Giet ukoll ordnat in-notifika tad-digriet lil Assistent Gudizzjarju u lil Agenzija Appogg, kif ukoll in-notifika tar-rikors lill-kontroparti.

Rat in-nota tal-attur A datata 30 ta' Gunju 2004 a fol. 62 tal-process fejn issugerixxa li l-hinijiet ta' access tieghu ikunu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru kull nhar ta' Erbgha mis-2.30.p.m. sas-7.00.p.m. u nhar ta' Gimgha mis-7.30.p.m. sal-Hadd fis-7.30.p.m. u mill-1 ta' Ottubru sar-30 ta' Gunju kull nhar ta' Tlieta u l-Erbgha mill-5.30.p.m. sat-8.00.p.m. u mill-Gimgha mis-7.30.p.m. sal-Hadd fis-7.30.p.m.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Josette Demicoli fl-14 ta' Lulju 2004, fejn xehdu Dr. Edwin Zammit Laferla ghas-socjeta' Citadel Insurance plc, Dr. Rachel Mallia, Anne Xuereb bhala rapprezentata tar-Registratur tal-Qorti u l-attur A.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Josette Demicoli fl-20 ta' Lulju 2004, fejn xehdu Kevin Taliana u Claire Cassar.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Josette Demicoli fit-22 ta' Lulju 2004, fejn xehdu Carina Dimech u l-attur A.

Rat l-affidavit tal-konvenuta B minn fol. 124 sa fol. 132 fejn *inter alia* issugeriet li l-hinijiet ta' access ghall-minuri minn missierhom kellhom ikun kull nhar ta' Erbgha mill-5.30.p.m. sas-7.00.p.m. u kull nhar ta' Sibt mid-9.00.a.m. sas-7.00.p.m.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 16 ta' Lulju 2004, a fol. 133 tal-process fejn eccepiet :-

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi l-attur ghandu jkollu access ghall-minuri uliedu u l-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti originali w emendat pprovda propju ghall-ezercizzju ta' tali dritt fi granet u hinijiet stabiliti mill-kontendenti wara hafna disgwid u negozjati bejn l-istess kontendenti;

2. Illi l-eccipjenti taccetta anke illi l-varjazzjoni tal-hinijiet stabiliti *purche'* tali varjazzjoni tkun miftehma bejn l-istess kontendenti jew stabilita' minn dina l-Onorabbli Qorti, fl-interess ewlieni tal-minuri u, biss sussidjarjament skond id-disponibilita' u l-ezigenzi tal-kontendenti u mhux, kif jrid l-attur fl-interess tieghu u biss minhabba l-ezigenzi tieghu;

3. Illi l-publikazzjoni tal-kuntratt mitlub fit-tielet talba attrici hija superfluwa ghaliex id-digrieti u s-sentenzi tal-Qorti ma jinhtigiux xi konferma kontrattwali ghall-effikacja taghhom;

4. Illi skond ma tifhem l-eccipjenti, l-attur ftit li xjen attenda ghall-*course* illi qanqal din il-vertenza u f' kull kaz dan il-*course* spicca. Il-motiv illi, skond l-attur, qanqal din il-vertenza ma ghandux jezisti;

5. Illi l-fatti permessi mill-attur fic-citazzjoni ppresentata minnu u kkonfermati fid-dikjarazzjoni tieghu huma skoretti u l-eccipjenti fid-dikjarazzjoni taghha brevement ikkorregiet l-iskorrettezzi materjali ghal din il-vertenza;

6. Illi l-eccipjenti tissottometti illi l-attur ma ghandux iz-zmien materjali jew il-volonta' illi verament jrendi l-access tieghu ghall-minuri matul il-weekend ta' beneficcju ghall-istess minuri billi huwa ma jkunx mal-imsemmija tfal minuri ghal diversi sieghat matul dan l-access. L-eccipjenti tissottometti illi l-access tal-weekend ghandu jigi ezercitati ghal gurnata shiha matul is-Sibt minghajr ma jorqdu mieghu bejn il-gimgha u s-sibt;

7. Illi salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol.134 tal-process u l-lista tax-xhieda a fol. 136 fejn jirrizulta li skond il-kuntratt ta’ separazzjoni miftiehem bejn il-partijiet jirrizulta li gie miftiehem access kull nhar ta’ Tnejn mill-5.00.p.m. sas-7.00.p.m. u kull weekend mill-Gimgha fis-6.00.p.m. sas-Sibt fis-6.00.p.m.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fit-28 ta’ Lulju 2004 a fol. 140 fejn xehdet B.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Josette Demicoli fl-4 ta’ Awissu 2004, fejn xehdu s-Sur Surgent John Micallef, il-konvenuta B u James Portelli rapprezentant tal-MITC.

Rat il-verbal tat-3 ta’ Frar 2005 fejn Dr Ramona Frendo rrimettiet ruhha ghar-rapport b’dan li r-rapport ghad irid jigi mahluf. Il-kawza giet differita biex jinhalef ir-rapport ghad-9 ta’ Frar 2005 wara l-10.00.a.m. fejn il-Qorti tisma’ l-proposti tal-konvenuta dwar il-hinijiet.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Frar 2005 fejn Dr Stephen Thake ghal-konvenuta ssuggerixxa li l-hinijiet jibqghu kif inhuma llum b’dan illi minhabba esigenzi ta’ xoghol jigi spustjat minn gurnata ghall-ohra. L-attur jikkonferma li l-granet tal-kors huma t-Tnejn u l-Gimgha. Dehret is-social worker Markaren Galea li halfet ir-rapport. Xehdet Markaren Galea. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Marzu 2005 b’dan li l-Qorti tat gimgha lill-partijiet sabiex jaslu ghal xi forma ta’ transazzjoni, li skond il-Qorti, jekk titnehha l-pika ta’ bejniethom, tista’ facilment tintlahaq (*give and take*).

Rat ir-rapport tas-Social Worker Markaren Galea minn fol. 196 sa fol. 199 tal-process.

Rat ix-xhieda tas-Social Worker Markaren Galea datata 9 ta’ Frar 2005 minn fol. 200 sa fol. 205 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 21 ta’ Frar 2005 minn fol. 206 sa fol. 208.

Rat l-atti tar-rikors tat-23 ta' Lulju 2004 fejn il-konvenuta talbet is-sospenjoni immedjata tal-access tal-attur, liema atti huma annessi ma' dan il-progress. Tali rikors gie degretat fis-6 ta' Awissu 2004, fejn it-talba tar-rikkorenti giet michuda minn din il-Qorti diversament presjeduta mis-Sinjorija Tieghu l-Prim'Imhallef Vincent De Gaetano, fejn wara li semghet il-partijiet ddecidiet li *"tara li ma hemm lok ta' l-ebda provvediment kif mitlub mir-rikorrenti B fir-rikors taghha tat-23 ta' Lulju 2004 u konsewgentement tichad it-talbiet taghha u tordna li l-intimat A jibqa' jkollu access ghall-minuri in kwistjoni skond kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni".*

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur, A,** xehed li huwa kien mizzewweg lil B Deboni, illum mizzewga Mifsud u li z-zwieg taghhom gie dikjarat null. Qabel ma zzewgu kellhom tewmin bniet li llum ghandhom hames snin.

Illi huma ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni fit-12 ta' Dicembru 2002 u fi klawsola 7 il-partijiet kienu ftehmu li l-access tieghu mat-tfal ikun kull nhar ta' Tnejn mill-5.30p.m. sas-7.00 p.m u l-Gimgha fis-6.00p.m. sas-Sibt fis-6.00p.m.

Illi huwa jahdem bhala *Assistant Financial Controller* ma' Citadel Insurance plc. Lejn l-ahhar tas-sena 2003 gie nfurmat li bhala parti minn xogholu kien ser ikollu jattendi kors ta' tahrig filghaxijiet. Dan il-kors beda f'nofs Jannar 2004 u l-lezzjonijiet ikunu nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha mill-5.00p.m. sat-8.00p.m.

Illi meta huwa ra li l-hinijiet tal-kors kienu jahbtu ezatt mal-hinijiet tal-access kellem lill-avukata tieghu sabiex tikteb

lill-avukat tal-konvenuta biex forsi jirrangaw il-granet. Huwa haseb li peress meta kien hemm bzonn huwa kien flessibbli ghat-talbiet taghha f'dan is-sens hija kienet se tifhem is-sitwazzjoni tieghu. Huwa jsemmi meta fil-Milied tas-sena ta' qabel hija nfurmatu tard skond il-kuntratt izda huwa ma mpikax. Meta hija kienet se tizzewweg u qaltlu biex jibdlu l-gurnata ghal *sleepover* huwa accetta.

Illi tlett ijiem qabel ma' beda l-kors b'ittra ta' Dr Thake gie nfurmat li l-konvenuta accettat il-proposti tieghu. L-ewwel darba bil-hinijiet godda kien hemm dizgwid fis-sens li l-konvenuta ma kinitx avzata li kien sejjer ghat-tfal u b'hekk ma hadhomx. Fil-weekend ta' l-ahhar ta' Jannar qaltlu li kienu morda izda huwa rahom ghaddejjin mis-Swieqi fil-karozza taghha bit-twieqi miftuhin. Huwa rrealizza li hija kienet qed taghmel hekk biex twegghu.

Illi xi gimghatejn wara li beda l-kors il-konvenuta baghtitlu *e-mail* fejn qaltlu li ma kinitx komda taghtih lit-tfal skond l-arrangament il-gdid u li jekk ma kienx se jigbor lit-tfal fil-hinijiet originali ma kienx se tatijhomlu. Huwa esebixxa l-korrispondenza li kien hemm bejniethom.

Illi huwa jsostni li hi taf li jissogra jitlef xogholu jekk ifalli l-kors. *Inoltre'* xehed li t-tfal lilu jghajtulu b'ismu u lir-ragel tal-konvenuta jghidulu *"daddy"* u ta' spiss jghidu li se jigu kunjomhom bhalu.

Illi jirreferi ghall-allegat incident tat-12 ta' Marzu 2004 meta ghalkemm huwa mar biex jigbor lit-tfal flimkien ma' nannuh u habib ta' nannuh, il-konvenuta baqghet ma fethitlux. B'hekk mar jaghmel rapport l-ghassa u dak il-weekend lit-tfal ma rahomx.

Illi huwa jsostni li l-konvenuta ghandha pjan li taqtghu mit-tfal. Huwa jghid li ftit wara li sseparaw hija riedet li hija tadotta lit-tfal ma' dak li kien se jkun zewgha. Illi rigward li l-konvenuta ssostni li hija m'attendietx ghas-seduti ta' medjazzjoni minhabba li hija kellha problema serja wara t-twelid u ma setghetx tohrog mid-dar huwa qal li dan mhux minnu ghax fl-istess zminijet hija kienet barra. Kif ukoll fl-

istess jiem marret ma’ zewgha ghall-isports day ta’ wliedu. Anki ghall-attivitajiet skolastici lilu eskluditu.

Illi sussegwentement huwa xehed *viva voce* u esebixxa dokumenti ohra fosthom skambju ta’ e-mails li sar bejn il-kontendenti; kif ukoll Dok. “CC 10” li huwa kopja ta’ fax ffirmata mill-*Financial Controller* ta’ Kempinsky, *San Lawrenz, Resort and Spa* gewwa Ghawdex li biha jikkonferma li l-attur kellu booking bejn il-25 u s-27 ta’ Gunju 2004 ghal tlett adulti u zewgt itfal. Din saret minhabba li l-konvenuta riedet prova li verament kien hemm *booking* inkella ma kinitx se thallih jiehu lit-tfal. It-tfal imbaghad hadhom mieghu.

Illi in kontro-ezami gie mistoqsi jekk il-kors kienx impost fuqu rrisponda li minhabba l-Ligijet ta’ l-Unjoni Ewropea l-kumpaniji l-kbar iddecidew li ghandu jsir kors fuq Actuarials u minhabba li fic-Citadel Insurance plc huwa jaghmel dan it-tip ta’ xoghol l-ghazla kienet li javvicinaw lilu. Il-kumpanija ma qaltlux li jekk ma jaghmilx il-kors jitlaq pero’ kellu anke jiffirma kuntratt bil-penali. Ghalkemm dan il-kors ma giex impost fuqu, l-assjem tal-fatt li l-ghazla tal-kumpanija kien huwa, li huwa Manager u wkoll xtaq javvanza, irristringewlu l-ghazla tal-liberta’ tieghu dwar jekk jaccettax jew le.

Illi meta applika ghall-kors huwa ma kienx ghadu jaf il-granet li fihom kienu se jsiru l-lezzjonijiet. Qabel ma kienu jafu l-granet il-kumpanija kienet diga’ hallset Lm2,500 lill-MITC. Dan wara li kien applika u ffirma l-kuntratt il-gdid li jinkudi certu penali.

Illi fiz-zmien li huwa applika u ma kienx ghadu jaf il-granet huwa kien qed jiehu in konsiderazzjoni li seta’ jkun hemm kunflitt bejn il-granet tal-lezzjonjiet u l-granet ta’ l-access. Dwar din il-possibilita’ ta’ kunflitt huwa kien qed jipprova jikkuntattja lill-MITC biex ituh il-granet ta’ meta kienu ser isiru dawn il-lezzjonijiet pero’ dawn ma sarx jafhom qabel l-ahhar gimghatejn jew tlieta qabel ma beda l-kors.

Illi huwa qabel li *nonostante* din il-possibilita’ ta’ kunflitt huwa xorta wahda mpenja ruhu li japplika ghal dan il-kors

ghaliex kien hemm sogru li jitlef xogholu u ma jkunx jista' jmantni lil uliedu.

Illi huwa xehed li m'attendiex ghal kull lezzjoni u dan generalment biex ikun jista' jmur ghat-tfal. Huwa ma zammx dettalji ta' meta ma marx imma zgur li m'attendiex fil-granet tal-weekend meta ha lit-tfal San Lawrenz.

Illi in subizzjoni gie mistoqsi dwar dak li kien gara l-gurnata ta' qabel fl-access tat-tfal meta huwa uza *cream* fil-parti intima ta' wahda minn uliedu minhabba li qaltlu li kienet mugugha. Huwa nforma b'dan lill-Agenzija Appogg minhabba li l-konvenuta cemplitlu tard bil-lejl takkuzah. Huwa kien ha lit-tfal lura fis-sebgha ta' filghaxija u fl-ghaxra ta' bil-lejl rahom m'ommhom, ma' zewgha u mat-tifel taghhom.

Illi l-**Avukat Dottor Ramona Frendo,** l-konsulent legali ta' l-attur, xehdet li sa minn zmien it-trattattivi ghas-separazzjoni l-konvenuta agixxiet qiesha kellha monopolju fuq it-tfal. *Tramite* l-konsulent legali taghha ta' dak iz-zmien kien wasal messagg lix-xhud li hija kienet lesta ghal separazzjoni bonarja biss jekk l-attur jaghti l-kunsens tieghu ghall-adozzjoni ta' wliedu da parti ta' Sam Mifsud illum zewgha. L-attur mill-ewwel eskluda din il-possibilita'.

Illi dwar il-kwistjoni ta' l-access Dr Frendo spjegat li l-attur kien avvicinaha f'Dicembru 2003 u talabha biex tipprova tbiddel il-hinijiet ta' l-access minhabba li kien se jibda xi kors ta' filghaxija, in konnessjoni max-xoghol tieghu, proprju fil-granet meta kellu l-access ghal uliedu. B'hekk hija kitbet lill-konsulent legali tal-konvenuta u l-ufficju taghha rcevew risposta pozittiva. Pero' gara li kien hija rceviet diversi lmenti mill-attur li l-konvenuta ma kinitx qed thallih jezercita d-dritt tieghu ta' access. Infatti l-ftehim bonarju hadem biss ghall-ewwel gimaghtejn. Imbaghad hija nfurmata li ma kinitx ser tippermetti l-access jekk dan ma jsirx fil-hinijiet stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi l-partijiet kienu jzommuha aggornat ta' x'kien qed jigri bl-emails. Hija semmiet drabi fejn l-attur kien flessibbli dwar il-hinijiet tieghu tal-access.

Illi hija wkoll xehdet li l-konvenuta ma dehrtx ghas-seduti ta' medjazzjoni u l-avukat taghha qalilha li dan kien minhabba problema medika li ma ppermettittilhiex li tohrog mid-dar. B'hekk talbet lill-klijent taghha sabiex ma jibdewx proceduri kontenzjuzi ghax forsi kien hemm possibilta' ta' ftehim. Izda huwa kwazi dahak biha ghax qalilha li proprju fl-istess zmien il-konvenuta kienet qed tohrog regolarment, u sahansitra marret ghal xi okkazjoni tat-tfal l-iskola ma' Sam Mifsud u lill-attur ma nfurmatux.

Illi **Dr Rachel Loporto Montebello,** avukata fl-istess ufficju ma' Dr Frendo, kkonfermat li fis-16 ta' Jannar 2004 kienet waslet ittra l-ufficju fejn Dr Thake ghan-nom tal-konvenuta kien accetta t-tibdil propost ghall-access u hija kienet kitbet ghan-nom ta' l-attur lil Dr Thake biex tikkonferma.

Illi **Lino Bonello,** in-nannu ta' l-attur, xehed li minhabba d-diversi incidenti li l-attur ikollu ta' spiss meta jmur ghat-tfal ghand il-konvenuta, u minhabba li l-konvenuta ma tridx lin-nanniet paterni jersqulha lejn il-bieb, hafna drabi x-xhud u habib tieghu John Caruana jmorru ma' l-attur meta jigbor lit-tfal biex ikunu xhud ta' dak li jigri. Huwa kkonferma dak li qal l-attur dwar l-allegat incident tat-12 ta' Marzu.

Illi **John Caruana** kkonferma dak li xehed dwaru Lino Bonello u sostna li dakinhar fit-12 ta' Marzu 2004 baqghu sa qrib it-8.00p.m. izda l-konvenuta ma fethitx.

Illi **Mirelle Caruana ,** omm l-attur, ikkonfermat dak li qal binha ghar-rigward tat-12 ta' Marzu 2004; kif ukoll li binha pprova jirranga l-hinijiet tal-access minhabba l-kors u li l-konvenuta rrifjutat.

Illi **Dr Edwin Zammit Laferla,** rapprezentant ta' Citadel Insurance plc, xehed li l-kumpanija sponsorjat lill-attur biex isegwi kors. Il-kors jispicca f'April 2006. Kien hemm qbil bejn il-kumpanija u l-attur biex huwa jiehu dan il-kors. L-obbligi fuq l-attur huma li jattendi ghall-lezzjonijiet kull nhar ta' Tnejn u Gimgha u li jghaddi mill-kors. Mistoqsi

jekk fit-tieni u t-tielet sena l-granet tal-kors ikunux differenti mit-*timetable* esebita rrisponda li l-probabilita' hija li jibqghu l-istess pero' ma setax ighid b'certezza minn dakinhar. Il-hinijiet tal-lezzjonijiet huma mill-hamsa ta' fil-ghaxija sat-tmienja ta' fil-ghaxija.

Illi in kontro-ezami gie mistoqsi jekk il-kors kienx impost fuq l-attur ix-xhud irrisponda li l-kumpanija xtaqet li l-attur jaghmel il-kors u huwa accetta. Il-kors huwa maqsum f'partijiet u l-inklinazzjoni hija li jsegwi l-istess rutina minhabba esigenzi ta' xoghol. Rigward l-attendenza ta' l-attur ghall-lezzjonijiet ix-xhud qal li huwa jsegwi dak li jkun qed isir u flimkien mac-chairman stabilew li l-attur qed jattendi ghall-lezzjonijiet. Dan il-kors huwa ta' l-MITC. Huwa qal ukoll li r-regoli ta' l-MITC ma jafhomx pero' l-kumpanija tieghu tobbliga lill-attur, anke permezz ta' kuntratt, biex jattendi ghal kull lezzjoni u jekk ma jaghmilx hekk hemm certu penalitajiet.

Illi **Dr Rachel Mallia** kkonfermat Dok "A" esebiet ma' l-att tac-citazzjoni li huwa kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

Illi **Anne Xuereb,** rapprezentanta tar-registratur tal-Qrati, xehdet dwar il-process ta' medjazzjoni fejn gie kkonfermat li l-konvenuta m'attendietx ghaz-zewg seduti ffissati mill-medjatur fid-29 ta' April 2004 u fis-6 ta' Mejju 2004.

Illi **Kevin Taliana** xehed li huwa jaf lill-kontendenti. Huwa xehed li darba t-Tnejn fil-ghaxija ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' fil-ghaxija mar il-gym u ra lill-attur li telaq xi nofs siegha warajh.

Illi in kontro-ezami xehed li lill-attur ma jafux bhala konoxxenza imma sempliciment ghax kien isegwi l-football. Bhala persuna ma kienx rah qabel imma kien jarah fuq il-gazzetta. Huwa ma jiftakarx id-data ta' meta kien dan pero' jaf li kien xi darba t-Tnejn. Huwa cert li kien l-attur ghax gieli rah isuq il-karozza.

Illi **Claire Cassar** xehdet li hija tkun ta' spiss ghand il-konvenuta. Hija ghalhekk gieli nzertat tkun id-dar tal-

konvenuta fil-granet tal-access u qalet li aktar iva milli le l-attur ma kienx ighaddi ghalihom. Rigward it-12 ta’ Marzu 2004 xehdet li l-attur ma kienx mar ghat-tfal.

Illi in kontro-ezami xehdet li tiftakar bi preciz it-12 ta’ Marzu minhabba li t-tfal kienu *upset* hafna ghax missierhom ma kienx mar ghalihom u kien hadilhom ftit hin mhux hazin biex jikkalmawhom. Mistoqsija li ladarba kienet xi haga komuni ghalfejn it-tfal kienu *upset* irrispondiet li ghax dan kien qed jigri gimgha wara gimgha. Mistoqija dwar granet ohra tal-access jekk l-attur marx ghalihom ma kinitx taf ghax ma toqghodx tiehu nota kull darba.

Illi l-konvenuta ghandha *mobile* u x-xhud meta kellha bzonn dejjem sabitha. Mistoqsija jekk fit-12 ta’ Marzu l-konvenuta tfietx il-*mobile* qalet li impossibbli minhabba li habibithom Carina kienet immesigjat lill-konvenuta fuq il-*mobile* taghha u cemplet lilha.

Illi **Carina Dimech** xehdet li ilha habiba mal-konvenuta sa minn zmien l-iskola. Lill-attur kienet tafu ftit qabel ma’ kien il-boyfriend tal-konvenuta, imbaghad saret tafu bhala r-ragel taghha. Dwar l-access taf li l-Gimgha hija *sleep-over* u taf li hemm gurnata ohra li kienet it-Tnejn pero’ issa nbidlet ghall-Erbgha. Hija taf b’dawn il-granet kemm minhabba li qaltilha l-konvenuta; kif ukoll ghax minhabba li gieli tkun id-dar taghha ta’ sikwit ix-xhud tara t-tfal lesti sabiex imorru ma’ missierhom. Dwar xi problemi li jista’ jkun hemm fl-access taf b’mod generiku minn dak li qaltilha l-konvenuta. Pero’ gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn marret is-Sibt filghodu jew il-Gimgha filghaxija li huwa proprju l-hin li suppost it-tfal ikunu mal-missier u t-tfal inzertathom hemmhekk u l-konvenuta qaltilha li t-tfal ma jkunx gabarhom il-missier.

Illi dakinhar tat-12 ta’ Marzu 2004 tiftakar li hija waslet ghand il-konvenuta ghall-habta tas-sitta u nofs/is-sebgha ta’ filghaxija. Habibitha Claire Cassar baqghet hemmhekk ghaxar minuti imbaghad telqet. Imbaghad kielu u raw dvd u l-ghada qamu u marru f’hanut. It-tfal baqghu maghhom u l-missier ma marx ghalihom. Hija dahlet id-dar b’mod

normali billi cemplet il-qanpiena. Waqt ix-xhieda taghha l-ewwel qalet li t-tfal dejjem jieklu fit-tmienja imbaghad sussegwentement qalet li t-tfal jorqdu fit-tmienja.

Illi in kontro-ezami qablet li hija tkellmet mal-konvenuta dwar ix-xhieda taghha u ma’ Claire Cassar imma dan mhux fis-sens li rrangaw il-mod kif kienu se jixhdu. Hija tmur id-dar tal-konvenuta bejn darbtejn u tlieta fil-gimgha u Claire kwazi kuljum. Bhala hinijiet meta tmur ix-xhud m’ghandhiex hinijiet fissi ghax dan jiddependi fuq ix-xoghol taghha. Ilha tmur b’din ir-regarita’ ghandha bejn wiehed u iehor xi xahar wara li l-konvenuta telqet mid-dar fejn kienet tghix ma’ l-attur. Rigward it-12 ta’ Marzu 2004 hija ccekkjat flimkiem ma’ Claire fuq id-djarji u raw li Claire riedet tmur Ghawdex u ftakru. Hija qatt ma tiltaqa’ mal-knvenuta bit-tfal mhux fid-dar taghha. Hija lanqas tavzaha meta tkun sejra ghax il-konvenuta dejjem tkun id-dar mat-tfal.

Illi fl-affidavit taghha l-**konvenuta, B,** xehdet li fi zmien li kellhom it-tfal u ma kienux ghadhom izzewgu, it-tfal ghexu biss maghha u dak iz-zmien l-attur kien imur kuljum pero’ biex jara lilha u mhux lilhom ghax dak iz-zmien il-football kienet il-priorita’ tieghu. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tieghu kienet wahda minima. Qabel iz-zwieg omm l-attur kienet izzomm lit-tfal darbtejn fil-gimgha sakemm il-konvenuta kienet xoghol.

Illi z-zwieg taghhom dam biss tlett gimghat u prattikament l-attur qatt ma ghex mat-tfal. L-attur beda l-proceduri ghas-separazzjoni. Dwar l-access hija sostniet li qatt ma kienet kuntenta li jorqdu ghandu. L-oggezzjoni taghha hija peress li huwa ghazel li qatt ma jkollu relazzjoni maghhom. Qatt ma kien hemm interess dwar sahhithom, l-edukazzjoni jew id-dixxiplina.

Illi kien hemm diversi incidenti fil-kors tas-separazzjoni taghhom. Fil-bidu hija kienet issuggeriet li l-attur ihalliha tadotta t-tfal u huwa ma jhallas xejn. Hija tammetti li kienet irrazzjonali f’dak iz-zmien u d-direttur tar-Registru Pubbliku kien informaha li l-attur ma kienx illeggittima lit-tfal billi ma ffirmax addenda mac-certifikat taz-zwieg u

ghalhekk hija setghet taghmel hekk minghajr il-kunsens tieghu. L-attur kien anki ssuggerilha biex hi tirrinunzja ghal nofs sehemha mill-appartament in komuni u huwa jtiha t-tfal izda din l-idea ma ssemmietx aktar. Kien hemm hafna kawzi b'hafna akkuzi kontriha li ma kinitx qed taghtih it-tfal u dwar abbuzi izda dawn il-kazijiet jew gew ceduti jew mirbuha minnha peress li hi ppruvat li kienu gideb u partikolarment issemmi meta siefret b'wahda mit-tfal ghar-ragunijiet medici.

Illi hija xehdet li dak li llum huwa zewgha ghenha hafna anki finanzjarjament kif ukoll moralment u wara li sseparat minn ma' l-attur hija flimkien mat-tfal bdiet tghix mieghu bhala familja. Hija qalet li ghandha relazzjoni tajba hafna mieghu u huwa jhobb lit-tewmin daqs li kieku kienu tieghu.

Illi hija takkuza lill-attur b'egoizmu u li huwa ma jsib ebda problema li jhalli t-tfal ghand ommu fil-granet ta' l-access minflok iqatta' hin maghhom huwa. Hija ma toggezzjonax ghax in-nanna materna tkun maghhom ghax taf li jekk tkun vicin taghhom jigu mahsula u jieklu. Hija toggezzjona peress li l-access huwa moghti biex it-tfal igawdu l-kumpanija tal-missier u mhux tan-nanniet.

Illi hija ssostni li l-attur kiser diversi klawsoli tal-kuntratt fosthom li jgib mieghu lil nannuh meta jigbor lit-tfal u dan kif irrizulta mill-affidavit ta' nannuh u l-habib tieghu; kif ukoll dwar it-tigdid tal-passaporti.

Illi l-attur irrinunzja ghad-dritt ta' deczijonijiet dwar is-sahha tat-tfal u hija ma ttihx it-tfal jekk ikunu qed jiehdu xi *antibiotics. Inoltre'* ghalkemm it-tfal ghandhom bzonn li jilbsu n-nuccali nies rawhom minghajru u meta staqsiethom qalulha li missierhom qalilhom li m'hemmx bzonn jilbsuh.

Illi hija ssemmi li f'Gunju 2003 hija ddecidiet li tattendi kors biex tibda tghallem l-Ingliz lill-istudenti barranin. Hija staqsiet lill-attur biex jigbor lit-tfal mir-residenza tal-genituri taghha pero' huwa rrifjuta u ghamel rapporti l-ghassa u b'hekk hija waqqfet il-kors. Hija ma talbitux biex ibiddlu l-gurnata jew il-hin ta' l-access

Illi rigward it-tibdil tal-access hija qalet li l-Erbgha mill-5.30 sas-7.00p.m. kien accettabbli peress li l-hin baqa’ l-istess. Izda hija kienet inkwetata fuq il-Gimgha u ghalhekk talbet li din tkun fuq prova u jekk ma tahdimx imorru lura ghall-ftehim originali fil-kuntratt. Hija ssuggeriet li l-attur jigbor lit-tfal is-Sibt filghodu u jzommhom sas-7.00p.m. Huma ppruvaw li t-tfal jingabru l-Gimgha filghaxija tard ghal gimghatejn izda t-tfal bdew jghejjew u jsiru nervuzi u riedu jieklu. Minhabba li rat hekk infurmatu li t-tfal riedu jingabru kif miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni.

Illi hija ssostni li qatt ma kisret il-kuntratt u kull nhar ta’ Tnejn u Gimgha fil-hinijiet tal-access it-tfal dejjem kienu lesti. Meta huwa ma deherx it-tfal kienu jkunu irritabbli ghax tbiddlitilhom ir-rutina. Hija wkoll issostni li l-familjari taghha raw lill-attur f’hinijiet fejn huwa suppost kellu l-kors u lanqas kien mar ghat-tfal ghall-access.

Illi hija ghamlet diversi allegazzjonijiet fil-konfont ta’ l-attur u l-familja tieghu. Rigward il-fatt li m’attendietx ghall-medjazzjoni spjegat li dan ghax kien impossibbli ghaliha minhabba li kienet ghadha konvalexxenza u tiehu hsieb it-tarbija l-gdida taghha.

Illi hija tirribatti dak li qal l-attur li gara fit-12 ta’ Marzu 2004. Hija ssostni li wliedha bhal kull tfal ohra ghandhom bzonn rutina. Huma jinhaslu fis-7.00p.m., jieklu fis-7.30p.m. u jidhlu jorqdu fit-tmienja ta’ filghaxija. Hija tipproponi li l-access ikun l-Erbgha mill-5.30p.m. sas-7.00p.m. u s-Sibt mid-9.00a.m. sas-7.00p.m.

Illi dwar ir-relazzjoni tat-tewmin ma’ zewgha, il-konvenuta tghid li huwa jhobbhom u tahom stabilita’ ta’ missier. Huwa ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejnhom u t-tifel li twieled miz-zwieg tieghu mal-konvenuta. Huwa jinvolvi ruhu fl-edukazzjoni taghhom, f’sahhithom, fit-trobbija u fil-hlas tal-kontijiet. Huwa minnu li lil zewgha jghajtulu ‘daddy’ imma lill-attur dejjem ghajjtulu ‘papa’.

Illi rigward il-kunjom hija saret taf mill-karta ta' l-isptar li t-tfal huma Caruana De Bono  u qatt ma kien suggerit li t-tfal jiehdu kunjom zewgha.

Illi *viva voce* meta mistoqsija dwar dak li gara fl-access. Mitluba l-fehmiet taghha dwar l-ezercizzju ta' l-access fil-weekend sostniet li ilha mill-bidu toggezzjona li t-tfal jorqdu ghand missierhom. Dan ghaliex hija tara l-komportament tat-tfal qabel u wara l-access. Ghalkemm ikun hemm drabi fejn ikunu eccitati biex imorru; kien hemm hafna drabi li jistaqsu jekk ikunux se jorqdu ghandu u jew wahda jew l-ohra jgibu skuzi biex ma jmorrux. Mill-access it-tfal imorru lura d-dar imdejqin, mahmugin u bil-guh. Ikunu frustrati hafna jew ikunu mimlijin energija ghax ikun raqqadhom ghal nofs ta' nhar jew ikunu ghajjenin mejta. Hadd mhu qed jiehu hsieb il-bzonnijiet taghhom. It-tfal ighidulha li fil-ghodu jiehdu bajda u toast pero' waqt il-gurnata tkun jew pastizzi jew arancina jew forsi xi gelat.

Illi huma jmorru jbiddlu hwejjighom ghand ommu imbaghad johorgu jew jiltaqghu mat-tfajla tieghu u jibqghu sejrin il-flat jew imorru f'xi hanut taghha. Fil-ghaxija jergghu jmorru ghand ommu u jorqdu u l-attur johrog. Is-Sibt filghodu gieli jkollu xi facendi x'jaghmel u jhalli t-tfal m'ommu mbaghad johrog bihom wara nofsinhar. Fix-Xitwa jehodhom il-flat tieghu. Huwa jibqa' fuq u t-tfal jaraw video. Dan skond ma' jghidulha t-tfal. Meta jwassalhom lura ghandha t-tfal ikunu hafna frustrati – bil-glied u bl-ghajjat.

Illi in kontro-ezami xehdet li dwar l-incident hija qed takkuza lill-attur b'"infringing on the minor's children intimate space". Dak inhar tal-incident tal-21 ta' Lulju 2004 huma kienu damu barra sa' xil-10.15p.m. Ghalkemm  kien inkonvenjenti li t-tfal jibqghu mqajmin din kienet necessita'. Sal-10.30p.m. kienu ghand il-genituri taghha. Hija tammetti li tinkoraggixxi lil zewgha li jiehu mat-tewmin ir-rwol ta' missier. Hija ma tistiedinx lill-attur ghall-affarijjiet edukattivi tat-tfal. Zewgha jkun prezenti. Appuntamenti medici barra minn Malta tghidlu biex imur maghhom izda konsultazzjonijiet f'Malta le. Zewgha jkun prezenti biss

f’kazijiet li tispicca l-isptar. L-attur ihallas Lm165 manteniment fix-xahar u dawn jithallsu regolarment.

Illi hija qatt ma semmiet li xtaqet tadotta lit-tfal ma’ zewgha izda wahedha u dan ghax ghadhom skond hija mhux legittimizzati. Hija tichad li qatt qalet lit-tfal li kunjomhom huwa Mifsud izda li huwa Caruana De Bono. Tikkonferma li kitbet e-mails fis-sens li kunjom it-tfal huwa C de Bono u li rreferiet ghall-attur bhala *sperm donor.* Ikkonfermat il-korrispondenza ezebita. Rigward Dok. “CC6” spjegat li l-okkazzjoni kienet *school concert* f’Kinder I u l-persuni li jidhru fir-ritratti huma hija, zewgha, t-tewmin, omm zewgha u hu l-konvenuta.

Illi hija toggezzjona ghall-*over-night stay* minhabba li huma qatt ma ghexu flimkien. Qatt ma kienu boghod minnha. Meta marret l-*iskiing holiday* ma hadithomx maghha u lanqas meta marret *honeymoon.* Fit-trattativi hija riedet li jkollu access ghalihom biss. Hija taqbel li skond l-emenda fil-kuntratt ta’ separazzjoni suppost ghandha tghaddi *medical reports* lill-attur. Dawk li huma importanti tibghathomlu izda ma kellhiex idea kemm baghtet. Wahda mit-tfal kellha bzonn attenzjoni medika xi darbtejn jew tlieta fis-sena. Il-formoli tal-passaporti gew iffirmati. Il-mobile taghha dejjem ikun accessibbli ghall-attur. Ma jkunx biss meta jkun pastaz. Meta xehdet hija qalet li ma kienitx qed taghtih it-tfal ghaliex kienet taht l-impressjoni li l-access kien sospiz minhabba r-rikors li ghamlet. Hija qalet li huwa mhux ta’ min jafda fih u anki jekk dak inhar kienet gurnata ta’ l-access hija ma kinitx se taghtihomlu.

Illi r-rwol ta’ l-attur f’hajjet uliedu huwa li huwa l-missier biologiku taghhom. L-attur kien mar ghat-tfal ghand il-genituri taghha ghax hija ddirigiet hekk imbaghad ma sabhomx ghax kienu d-dar taghha izda dan kien malintiz ghax hija kienet ghadha kemm welldet.

Illi **s-Surgent John Micallef** esebixxa r-rapporti maghmula mill-partijiet.

Illi **James Portelli,** rapprezentant tal-MITC, xehed li huwa ghandu fil-pussess tieghu l-*attendance sheet* li jirrigwardaw il-kors mertu tal-vertenza odjerna. Dawn jinzammu mill-*administrator* li jiehu hsieb il-kors. Il-partecipanti f'dan il-kors huma mitluba li kif ikunu fil-klassi jiffirmaw. Pero' jekk ma jkunx hemm il-firma dan jista' jfisser li l-persuna ma attendietx jew inkella jista' jkun li dahlet xi ftit tard ghall-lezzjoni u l-*attendance sheets* ikunu diga' ttiehdu mill-persuna *in charge* dak il-hin. Huma l-*employers* li jirrikjedu li jkun hemm kontroll fuq l-attendenza minhabba li huma jiffanzjaw dan l-istess kors.

Illi jekk partecipant jasal tard u ma jkunx iffirma jekk id-*duty manager* jinfurmahom li dak il-partecipant ikun mar ghall-lezzjoni jew shabu tal-klassi ikunu qalu li kien hemmhekk allura jkun jista' jiffirma ghall-gurnata li ma jkunx iffirma. Mill-informazzjoni li gab kien hemm 46 sessjoni u minn dawn hemm 7 firem biss ta' l-attur.

Illi in kontro-ezami xehed li qatt ma kien hemm ilmenti min-naha ta' Citadel Insurance plc rigward l-attendenza ta' l-attur. Lanqas ma ngibdet l-attenzjoni lill-kumpanija dwar din il-kwistjoni ghax huma gabru l-analizi taghhom kif ikollhom l-ewwel sett ta' ezamijiet li kellha tkun f'Settembru. Il-firma ta' l-*attendance sheets* mhiex *pre-requisite* biex wiehed joqghod ghall-ezamijiet. Dan huwa biss rekwizit min-naha taghhom.

Illi in ri-ezami xehed li jekk l-*attendance sheet* tkun ghadha disponibbli ghall-istudenti huma u hergin mill-lezzjoni jekk wiehed ma jkunx ghadu ffirma jista' jiffirma dak il-hin. Jekk ma tkunx disponibbli din diga' tkun giet iffaljata mid-*duty manager.* Jekk imbaghad persuna tkun trid tiffirma sussegwentement fil-lezzjoni ta' wara kull ma jinvolvi hu li din l-attendenza tinqala' mill-file.

Illi huwa possibbli li persuna tattendi l-kors kollu minghajr ma tiffirma

Illi **Markaren Galea,** *social worker* fi hdan l-Agenzija Appogg, nominata b'digriet tal-Qorti, xehdet li hija ziedet il-hinijiet minhabba li l-omm izzewget ragel iehor huma

qed jinqatghu minn ma' missierhom. Hija ddiskutiet il-hinijiet mieghu. Mat-tfal ma tkellmitx peress li l-omm qaltilha ahjar le minhabba l-incident tal-cream. Kienet kellmet lit-tfal fil-kors tas-separazzjoni. Il-konvenuta ma semmiethiliex xi problemi fizici fuq it-tfal. Hija ma laqqghetx il-partijiet flimkien ghax ma hasbitx li din kienet ideali.

## (II) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi l-partijiet fil-kawza nfirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li gie ffirmat fit-12 ta' Dicembru 2002 u saret emenda ghall-istess kuntratt fit-12 ta' Frar 2003. Mir-relazzjoni taghhom huma kellhom zewgt itfal – tewmin bniet. Il-konvenuta ghandha l-kura u l-kustodja tat-tfal u l-missier permezz ta' klawsola nru 7 ghandu access ghalihom skond kif stipulat. Sadanittant il-konvenuta zzewget lil terz u t-tewmin qed ighixu flimkien ma' l-omm, zewgha u t-tarbija taghhom. Il-granet u l-hinijiet tal-access kif stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni li hemm kontestazzjoni dwarhom huma :-

*"a. During the scholastic year every Monday from five-thirty in the evening (5.30p.m.) until seven in the evening (7.00p.m.);*

*(c) Throughout the year every Friday from six in the evening (6.00p.m.) until Saturday at six in the evening (6.00p.m.);"*

Illi l-attur li jahdem bhala *manager* f'kumpanija lokali tal-assikurazzjoni, minhabba ragunijet relatati max-xoghol tieghu, beda kors li gie mhallas mill-kumpanija u li huwa ffirma kuntratt b'enalitajiet imposti. Huwa xehed li ghalkemm dan il-kors ma giex impost fuqu pero' l-assjem tac-cirkostanzi u l-posizzjoni tieghu ma hallulux ghazla. *Inoltre'* llum isostni li jkun qed jissogra xogholu jekk ma jattendiex ghall-lezzjonijiet. Gara li l-lezzjonijiet tal-kors habtu mal-granet tal-access tieghu cioe' it-Tnejn u l-Gimgha mill-5.00p.m. sat-8.00p.m. Huwa pprova jara

x'kienu l-granet pero' dawn hargu wara li kien diga' applika.

Illi kemm mix-xhieda tieghu kif ukoll dik ta' Dr Frendo rrizulta li huwa *tramite* l-avukati tal-partijiet ipprova jasal fi ftehim amikevoli fejn huwa talab li sakemm ilesti l-kors jinbidlu l-granet u l-hinijiet tal-access. Illi l-istess attur isostni li ghall-bidu l-konvenuta, u dan anki kif mistqarr minnha, accettat it-tibdil u l-granet proposti. Rigward l-Erbgha mill-5.30p.m sas-7.00p.m. tixhed li ma ssibx problema. Rigward il-Gimgha filghaxija xehdet li din kienet biss ghall-prova pero' t-tfal bdew isiru irritabbli ghax huwa tard ghalihom. Hija nfatti ssostni li fis-7.00p.m. jinhaslu, fis-7.30p.m. jieklu u fit-8.00p.m. jkunu fis-sodda u hi ma thobbx tharbtilhom ir-rutina. *Inoltre'* hija minn dejjem oggezzjonat li jorqdu ghand l-attur minhabba li huwa bniedem li ma tistax toqghod fuqu u li skond hi qatt ma ha nteress fit-tfal. Hija qed tissuggerixxi li din tinqata' u minflok l-attur jiehu lit-tfal is-Sibt mid-9.00a.m. sas-7.00p.m. Il-ftehim il-gdid hadem ghall-gimghatejn izda mbaghad il-konvenuta nfurmat lill-attur li jekk ma kienx se jmur ghat-tfal skond kif miftiehem fil-kuntratt tas-separazzjoni ma kinitx se ttihomlu. *Inoltre'* hija toggezzjoni li t-tfal jingabru min-nanniet paterni jew mit-tfajla ta' l-attur.

Illi l-partijiet ma waslux waqt il-medjazzjoni anki ghaliex il-konvenuta m'attendietx. Ir-raguni moghtija hija li kienet ghadha kif welldet u kellha xi kumplikazzjonijiet. Prova ta' dan kollu ma' ingabitx u ma jirrizulta li fl-ebda mument l-istess konvenuta ma ppruvat tikkomunika mal-medjatur dwar dan. Min-naha tieghu l-attur isostni li hi kienet harget f'dawk l-istess granet li suppost telghu l-Qorti pero' ma gabx provi dwar dan.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan in-nuqqas ta' qbil seta' facilment jissolva b'mod amikevoli. Izda mhux talli dan ma sehhx, talli waqt l-istess proceduri odjerni l-konvenuta pprezentat rikors biex twaqqaf l-access lill-missier minhabba li kien applika *cream* fil-parti intima ta' wahda mit-tfal. Sadanittant hija ma kinitx qed taghtih lit-tfal. Dan ir-rikors gie deciz minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn it-talbiet taghha gew michuda.

Illi rrizulta mill-provi li ghalkemm jista' jinghad li l-kors ma kienx impost fuq l-attur pero' meta tittiehed in kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni kollha verament ma kellux wisq ghazla. Il-fatt li l-granet tal-lezzjonijiet ikkoncidew mal-granet ta' l-access kienet xi haga li ma tiddependix mill-volonta' ta' l-attur. Il-konvenuta ssostni li l-attur qed jaghmel dawn il-proceduri biex idejjaqha u mhux ghax verament imur ghall-lezzjonijiet. Huwa minnu li l-attur ma marx dejjem ghall-lezzjonijiet u drabi minnhom ma marx biex proprju jkollu access ghal uliedu. Ir-rapprezentant tal-MITC mix-xhieda li ta rrizulta li minn 46 sessjoni hemm biss 7 firem ta' l-attur fuq l-*attendance sheets.* Jista' jkun il-kaz li l-attur attenda izjed u ma iffirmax almenu kif argumenta l-istess xhud.

Illi kkonsidrat kollox jidher u jirrizulta li hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li setgha sar ftehim facilment bejn il-partijiet sabiex il-hinijiet ta' l-access jigu varjati sabiex l-istess attur ikun jista' jattendi ghal l-istess kors. Izda mill-provi prodotti jirrizulta li dan ma' sehhx peress li l-konvenuta kienet ghal kollox intransingenti ghall-istess u mhux biss ma' waslitx ghal dan l-aggustament fil-hin ta' access, izda wkoll ma attendietx ghal l-ebda seduta ta' medjazzjoni, b'dan li bl-azzjonijiet taghha uriet li bl-ebda mod ma' riedet tipprova tasal fi ftehim ma' l-attur, ftehim li setgha facilment intlahaq skond l-esigenzi ta' kull parti, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi din il-Qorti thoss li r-ragunijiet migjuba mill-konvenuta sabiex tipprova tikkonvinci lill-Qorti li hija ma' setghetx tbiddel il-granet indikati fl-istess kuntratt ta' separazzjoni ma humiex konvincenti; anzi jidher li is-sitwazzjoni skalat tant li l-istess attur beda jahseb li l-istess konvenuta kienet intenzjonata li kemm jista' jkun hija timpedixxi lill-attur milli anke jezercita l-access miftiehem skond l-istess kuntratt, u in effetti jirrizulta li f'diversi okkazzjonijiet l-istess konvenuta effettivament impediet lill-istess attur milli jara lil uliedu, anke skond il-granet u l-hinijiet indikati fl-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Illi fil-fatt il-proceduri li saru mill-istess konvenuta waqt din il-kawza odjerna jindikaw li l-istess konvenuta ghandha l-mira li tnaqqas jekk mhux telimina l-access ta’ l-attur ghal uliedu altrimenti ma’ kinitx tiehu l-azzjoni li hija hadet, li din il-Qorti thoss li kienet ghal kollox vessatorja. Dan flimkien ma’ l-agir tal-konvenuta qabel il-kawza wassal sabiex l-attur talab tibdil ta’ hinijiet mhux biss minhabba l-kors li huwa kien qed isegwi, izda wkoll peress li qed jallega li l-istess konvenuta trid iccahdu milli jagixxi ta’ missier u jkollu d-drittijiet ta’ missier fil-konfront tal-minuri, u fil-fatt jista’ jinghad li mill-provi prodotti ma’ hemm l-ebda dubju li l-istess konvenuta qed tikkoragixxi kemm tista’ lil uliedha sabiex dawn iharsu lejn zewgha bhala missierhom, anke peress li llum l-istess konvenuta mizzewwga lil din il-persuna Sam Mifsud. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-affidavit u x-xhieda tal-konvenuta stess tikkonferma dan, u jidher li ghalkemm is-sitwazzjoni li fiha tinsab il-konvenuta hija verament wahda difficli, din il-Qorti thoss li bhal fuq kollox fil-hajja ghandu jinzamm minnha, fl-interess tal-istess minuri certu bilanc, fejn il-minuri li huma fdati f’ideja ghandhom ikunu jafu u jinghataw l-opportunita’ li jkunu cari dwar il-persuna li hija missierhom, u dwar ir-rwol li r-ragel tal-konvenuta lum ghandu maghhom, b’dan li l-identita’ taghhom stess ma’ tigi bl-ebda mod pregudikata.

Illi ghalhekk l-istess talba ta’ l-attur hija mibnija fuq zewg binarji, wahda ghall-bdil ta’ granet u hinijiet minhabba l-kors li qed isegwi u l-ohra*, stante* li qed isostni li huwa fl-interess tal-minuri, li minkejja tali impenji huwa jkollu granet u hinijiet alternattivi, filwaqt li sabiex il-kuntatt tieghu bhala missier ma’ jigix injorat, huwa qed jitlob li l-granet u l-hinijiet ta’ access jigu awmentati.

Illi f’dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tfakkar li ghalkemm huwa minnu li l-kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u *pacta sunt servanda,* izda dejjem l-istess Qorti ghandha l-awtorita’ u anke l-obbligu li f’kaz li hekk ikun jehtieg fl-interess tal-minuri t-termini stipulati f’kuntratt bejn il-partijiet, jistghu jitbiddlu. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **“Mario Galea vs Maria Concetta Galea pro et noe”** (Cit. Nru 1168/99/RCP – 2 ta’ Ottubru 2003) intqal:-

*"…f'materja ta' ligi tal-familja u dan anke fil-kuntest ta' dak li hemm provdut fil-**Kodici Civili** l-interess tal-minuri jibqa' suprem u ghalhekk nonostante kull ftehim li jista' jkun hemm bejn il-partijiet dwar il-minuri jista' jigi annullat mill-Qorti jekk 'hekk ikun mehtieg ghall-gid tal-minuri' u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 61 tal-Kap.16.**"*

Illi f'dan il-kaz, kif din il-Qorti gja accennat l-istess konvenuta ghazlet li tkun irragonevoli ghal kollox u uriet li bl-ebda mod ma riedet tasal ghal ftehim ma' l-attur dwar almenu hinijiet u granet alternattivi meta setgha jsir l-access almenu ghal meta jkun qed isehh tali kors; din setghet facilment saret anke bi ftehim bejn il-partijiet. Dan ma' sehhx u jidher ukoll li minkejja l-procedura ta' medjazzjoni, li l-iskop taghha hija li twassal lill-partijiet ghal ftehim, l-istess konvenuta taht skuza jew ohra evitat li anke tuza kull mezz li jista' jwassal ghal xi forma ta' ftehim jew kompromess; anzi jidher li waqt dawn il-proceduri hija riedet ukoll twaqqaf l-access tal-missier ghall minuri, kif ir-rikors *pendente lite* taghha juri, u fejn din il-Qorti diversament presjeduta, cahdet it-talba tal-konvenuta, u fejn din il-Qorti tikkondividi ma' l-istess decizjoni, ghaliex thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta holqot incident fejn ma' kienx hemm, u ppruvat tuza l-istess sabiex tilhaq l-ghan taghha li taqta' lill-attur milli jara lil uliedu.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-konvenuta zgur li m'agixxietx fl-interess tal-minuri li jinkludi wkoll li jkollhom relazzjoni ma' missierhom. Il-pika zejda li hemm bejn il-partijiet u dan kif inhu evidenti anki mill-iskambji tal-*emails* ma jaghmilx gid ghal ulied minuri. It-talba tal-attur ghal bdil ta' hinijiet u granet zgur ma kinitx wahda kapriccuza ghax li kieku s-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti. Il-konvenuta ssostni li t-tibdil ghall-Erbgha huwa tajjeb, pero' ma tridx li jorqdu aktar ghand il-missier. Dan ghaliex huwa rresponsabbli, ma jiehux hiebhom kif suppost u fil-fatt huwa jhallihom jorqdu ghand ommu u hu johrog il-Gimgha filghaxija. Hija xehdet li meta ppruvaw ghall-gimaghtejn li l-attur imur jigbor lit-tfal tard dawn bdew isiru irritabbli ghax ikunu jridu jieklu u jkun sar il-hin u dan dejjem ghax skond hi huma jmorru jorqdu kmieni s-soltu. Madankollu,

hareg car mill-provi li meta l-konvenuta jkollha xi necessita’ hija sa anki baqghet bit-tfal barra sal-10.30p.m. – jigifieri l-konvenuta tqabbel fejn jaqblilha.

Illi mhux hekk biss talli hija allegat diversi affarijiet fil-konfront tal-attur li ma gewx ippruvati. Per ezempju hija ssostni li t-tfal wara l-access imorru d-dar mahmugin u bil-guh, allegazzjoni li ma’ gietx ippruvata pero’ sadanittant dak inhar fejn wara l-access baqghet hierga bihom ma hasbithiex darbtejn u din hija evidenza cara li dak li qalet mhux minnu.

Illi kif intqal iktar il-fuq l-attur isostni li l-konvenuta qed tipprova tissosstitwixxih b’zewgha fejn jidhlu t-tewmin. Huwa xehed li hija teskludih minn attivitajiet skolastici tat-tfal u l-fatt innifsu li kienet daqstant irragonevoli ghal tibdil fil-hinijiet meta huwa f'kaz ta' bzonn kien flessibbli huwa kollu parti mill-pjan taghha.

Illi f’dan il-kuntest huwa sinfikanti li l-konvenuta nnifisha xehdet li hija tinkoragixxi lil zewgha biex jiehu r-rwol ta’ missier fil-konfront tat-tewmin. Illi jirrizulta wkoll li huwa minnu li hija ma tinformax lill-attur b’attivitajiet skolastici. Ma hemm l-ebda dubju pero’ li filwaqt li huwa importanti li ladarba t-tfal ighixu flimkien ma’ ommhom u zewgha ghandhom ikunu integrati sew fil-familja zgur li dan ma’ ghandhux issir bl-iskop li jigi injorat r-rwol ta’ missier l-istess ulied, u iktar l-istess minuri hadd ma’ ghandhomx jikkonfondilhom mohhom dwar min huwa missierhom, u ghalhekk il-kuntatt ma’ l-istess missier ghandu jkun dejjem sostenut.

Illi huwa taht din is-sitwazzjoni li s-social worker Markaren Galea mill-Agenzija Appgg  rredigiet r-rapport taghha u fil-fatt l-istess social worker ziedet il-hinijiet tal-access ghall-attur minhabba li xehdet li minn dak li rat gie konfermat u hija kienet ta’ l-opnjoni li t-tfal qed jinqatghu minn ma’ missierhom.

Illi minkejja kollox il-Qorti fid-9 ta’ Frar 2005 tat l-ahhar opportunita’ liz-zewg partijiet sabiex jaslu ghal xi forma ta’ transazzjoni dwar il-hinijiet ta’ access pero’ din lanqas ma

sehhet. Jirrizulta li hemm biss nota ta’ l-attur tal-21 ta’ Frar 2005 fejn giet esebita korrispondenza datata 15 ta’ Frar 2005 li l-konvenuta jidher li lanqas biss irrispondiet. Dan jispjega l-attituduni ta’ l-istess konvenuta, kif giet ippruvata qabel din il-kawza, waqt is-suppost proceduri ta’ medjazzjoni li fihom ghazlet li ma’ tippartecipax, u anke fil-kors kollu ta’ din l-kawza, fejn anke ttentat twaqqaf l-access tal-missier mal-minuri, u wkoll kienet intransingenti ghal kull stedina tal-Qorti liz-zewg partijiet, sabiex ghall-gid tal-minuri jasslu b’xi forma ta’ ftehim.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li kellu jkun hemm bdil ta’ granet u hinijiet fil-gimgha sabiex l-attur jkun jista’ jsegwi l-istess kors kull nhar ta’ Tnejn u Gimgha mill-5.00.p.m. sal-8.00.p.m. Illi din il-Qorti taqbel ukoll li l-access tal-attur ghall-minuri ghandu jizdied sabiex it-tfal ikunu jistghu jibnu relazzjoni mieghu bhala missier anke tenut dak li sehh qabel il-kawza u fil-mori ta’ l-istess, pero’ thoss li dan il-bdil fil-granet u hinijiet ghandu jkun relattat ukoll ma’ dak li qabblu l-partijiet dwaru fil-kuntratt ta’ separazzjoni u ser isiru l-modifiki li din il-Qorti thoss li ghandhom isiru f’dan l-istess ftehim, biss in vista ta’ dak kollu li rrizulta f’din il-kawza.

Illi din il-Qorti f’dan il-kuntest thoss li t-talbiet li ghamel l-attur f’din il-kawza kienu wkoll esegerati, u dan wkoll jinkludi l-proposti tieghu a fol. 62 tal-process fejn prattikament kien qed jissugerixxi li fil-*weekends* jzomm it-tfal dejjem mieghu; dan certament kien nuqqas sostanzjali ta’ l-attur f’din il-kawza, u certament li l-attagament tieghu allura lanqas ghen sabiex ikun hemm ftehim f’din il-kawza, li iktar ma pprogressat kien iktar car il-pika esegerata li hemm bejn il-partijiet f’din il-kawza.

Illi din il-Qorti thoss ukoll li l-access suggeriet mis-social worker, zgur li ghal dan il-mument tal-hajja tal-minuri huwa eccessiv, ghaliex kull kambjament li ghandu jigi ordnat ghandu jsehh fl-ambitu li l-genituri tal-partijiet kienu originarjament ftehmu fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom. Ftehim li certament kien abbracat minn kulhadd, u sar bid-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti. It-tibdil li ghalhekk ghandu jigi mpost fuq l-access tal-missier

ghandu jigi biss ikun dak li huwa necessarju fil-kuntest tar-risultanzi odjerni dejjem fl-interess tal-minuri, u ghalhekk din il-Qorti thoss li tali tibdil u estensjoni fl-access ghandhom ikunu ragonevoli u moderati anke fil-kuntest ta' dak miftiehem.

Illi ghalhekk din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u fl-interess ta' l-istess minuri tordna li l-istess attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri billi matul il-gimgha l-access tieghu ghandu jkun kull nhar ta' Tlieta u Erbgha mill-5.30p.m. sas-7.00p.m. Fil-*weekends* b'mod alternattiv darba l-Gimgha mis-6.00.p.m. sas-Sibt fis-6.00.p.m. u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fil-5.00.p.m. sal-Hadd fil-5.00.p.m., b'dan li sakemm l-attur ikun qed jattendi l-istess kors, il-hin tal-Gimgha jkun mit-8.30.p.m. sas-Sibt 7.00.p.m. Fl-ewwel weekend wara din id-decizjoni l-access ghalhekk ghandu jkun nhar ta' gimgha u l-weekend ta' wara nhar ta' Sibt.

Illi l-istess minuri ghandhom jingabru u jigu ritornati ghand l-omm esklussivament mill-attur skond kif miftiehem fl-emenda tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi din il-Qorti tordna li ghas-spejjez taz-zewg partijiet l-istess kura u kustodja u access tal-minuri ghandu jigi montitorjat kontinwament mill-Agenzija Appogg, li ghandha fuq kollox tara li l-istess hinijiet ta' access u kondizzjonijiet jigu osservati kollox fl-interess ta' l-istess minuri u minhabba dan tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lic-Chief Executive Officer ta' l-Agenzija Appogg.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, fll-interess suprem tal-minuri **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1) Tiddikjara u tiddeciedi li huwa fl-ahjar interess tal-minuri Francesca u Martina li anke minhabba t-tibdil fic-cirkostanzi jkun hemm tibdil dwar il-hinijiet u granet li l-istess attur ghandu jaccedi ghall-istess minuri li jehtieg ghalhekk tibdil appositu fil-kuntratt ta' separazzjoni personali tat-12 ta' Dicembru 2002 (Dok.A);

2) Konsegwentement tordna li l-attur jibda jkollu access ghall-ulied minuri fil-hinijiet segwenti u f'dan is-sens tvarja l-Klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt imsemmi b'dan li tordna li l-istess attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri billi matul il-gimgha l-access tieghu ghandu jkun kull nhar ta' Tlieta u Erbgha mill-5.30p.m. sas-7.00p.m. Fil-*weekends* b'mod alternattiv darba l-Gimgha mis-6.00.p.m. sas-Sibt fis-6.00.p.m. u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fil-5.00.p.m. sal-Hadd fil-5.00.p.m., b'dan li sakemm l-attur ikun qed jattendi l-istess kors, il-hin tal-Gimgha jkun mit-8.30.p.m. sas-Sibt 7.00.p.m. Ghalhekk fl-ewwel weekend wara din id-decizjoni l-access ghandu jkun nhar ta' gimgha u l-*weekend* ta' wara nhar ta' Sibt.

Illi l-istess minuri ghandhom jingabru u jigu ritornati ghand l-omm esklussivament mill-attur skond kif miftiehem fl-emenda tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti tordna li ghas-spejjez taz-zewg partijiet l-istess kura u kustodja u access tal-minuri ghandu jigi montitorjat kontinwament mill-Agenzija Appogg, li ghandha fuq kollox tara li l-istess hinijiet ta' access u kondizzjonijiet jigu osservati kollox fl-interess ta' l-istess minuri u minhabba dan tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lic-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg.

3) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici *stante* li strettament ma hemmx bzonnha b'dan pero' li jigi kkonfermat li permezz ta' din is-sentenza l-access tal-missier ghall-minuri uliedu gie varjat kif fuq indikat u f'dan is-sens id-disposizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet gie hekk varjat kif hawn indikat f'din is-sentenza fl-interess ta' l-istess minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------